MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2006

Citazzjoni Numru. 67/2004

**Mobisle Communications Limited**

**vs**

**Domenic Chircop**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni attrici li biha s-socjeta` attrici wara li ppremettiet:

Illi l-konvenut huwa debitur tas-socjeta` attrici fis-somma ta' tmint' elef mija u disgha u ghoxrin Liri Maltin u sittin centezmu (Lm8,129.60) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut Domenic Chircop lil Mobisle Communications Limited, skond Client Contract Number 36833 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta` attrici u dan fix-xhur bejn Settembru 2002 u Novembru 2002.

Illi ghalkemm interpellat diversi drabi biex ihallas, u dan anke permezz ta’ ittra ufficjali datata 16 ta’ Lulju 2003, il-konvenut xorta wahda baqa’ inadempjenti;

Illi l-fuq imsemmi ammont huwa cert, likwidu u dovut *ai termini* ta’ l-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif l-istess rapprezentant tas-socjeta` attrici jikkonferma fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu, u li fil-fehma ta’ l-atturi, l-konvenut m’ghandux eccezzjonijiet x’jaghti;

Illi l-istess socjeta` attrici ghalhekk talbet li l-konvenut jghid ghaliex m’ghandiex din l-Onorabbli Qorti:

1. tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh *ai termini* ta’ l-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Tikkundannah ihallas lill-atturi s-somma ta’ tmint’ elef, mija u disgha u ghoxrin Liri Maltin u sittin centezmu (Lm8,129.60) rapprezentanti ammont dovut mill-konvenut lis-socjeta` attrici.

Bl-interessi dekorribbli mid-data tal-Ittra Ufficjali.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni, ikluzi dawk ta’ l-ittri ufficjali fuq imsemmija u tal-Mandat ta’ Sekwestruipprezentat kontestwalment ma din ic-citazzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta` attrici;

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta’ Marzu 2006 u n-nota ta’ ammissjoni tal-konvenut ipprezentata *seduta stante.*

Billi mill-ammissjoni tal-konvenut, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi fuq ammissjoni tal-konvenut permezz ta’ nota tiddeciedi billi **tilqa’ t-talba tas-socjeta` attrici** kif dedotta fic-citazzjoni b’dan illi:

2. Tikkundannah ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tmint elef mija u disgha u ghoxrin Liri Maltin u sittin centezmu (Lm8,129.60) rapprezentanti ammont dovut mill-konvenut lis-socjeta` attrici.

Bl-interessi dekorribbli mid-data tal-Ittra Ufficjali.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, ikluzi dawk ta' l-ittri ufficjali fuq imsemmija u tal-Mandat ta' Sekwestru ipprezentat kontestwalment ma din ic-citazzjoni.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------